MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 162/2011

**Malta Industrial Parks Limited (C-28965)**

**-vs-**

**Armet Armored Vehicles Limited (C-30228)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta’ Frar 2011 li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi ppremettiet:

1. Illi l-intimati jokkupaw il-fabbrika MRA015A, fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, u dan mingħajr titolu validu fil-liġi;

2. Illi fis-7 ta’ April 2004, is-soċjeta’ intimata talbet li tingħata spazju f’qasam industrijali tal-Gvern bl-iskop ta’ manifattura ta’ vetturi blindati. Din it-talba ġiet milqugħa u l-Korporazzjoni Malta Enterprise dak iż-żmien

kienet għadha kif issuċċediet fil-jeddijiet tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta (MDC) ippromettiet li tikri talloka spazju f'xi qasam industrijali tal-kejl ta' ċirka sitt mitt metru kwadru (600$m^2$) u dan kif jidher mil-*letter of intent* tal-1 ta' Ġunju 2004, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata "Dok A";

3. Illi xi żmien wara ġiet identifikata il-fabbrika MRA015A, fil-Qasam Industrijali tal-Marsa u s-soċjeta' konvenuta daħlet in okkupazzjoni tal-istess beni, madankollu, minkejja li fl-ittra suriferita tal-1 ta' Ġunju 2004, qatt ma saret skrittura lokatizja fir-rigward;

4. Illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avviżi Legali tliet mija u sittin u tliet mija u wieħed u sittin tas-sena elfejn u erbgħa (A.L 360, 361 tal-2004), is-socjeta' esponenti assumiet kull jedd jew obbligu ta' amministrazzjoni tal-beni *de quo* għan-nom tal-Gvern ta' Malta;

5. Illi jsegwi għalhekk li l-intimati qegħdin jokkupaw il-fabbrika *de quo* mingħajr titolu validu fil-liġi;

6. Illi in vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attriċi huma eżegwibbli kontra l-konvenuti u jirrikorru l-elementi kollha meħtiega sabiex jiġi dispensat s-smiegħ tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167(1)(b) tal-Kap 12 u dan peress illi sa fejn taf l-esponenti, il-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni valida x'jissollevaw f'dina l-kawża;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-konvenuti qegħdin jokkupaw il-fabbrika MRA015A fil-Qasam Industrijali tal-Marsa mingħajr titolu validu fil-liġi u peress li l-istess konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni valida x'iressqu, din il-kawża għandha tinstema' u tiġi deċiża bil-proċedura sommarja speċjali.

Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni, jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jiżgumbraw mill-fabbrika MRA015A fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, u jikkonsenjaw iċ-ċwievet tal-istess fabbrika lis-soċjeta' attriċi.

Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kull jedd ta' azzjoni spettanti lis-soċjeta' attriċi għall-ħlas ta' kwalsiasi somma talvolta dovuta mill-konvenuta *in linea* ta' kumpens għall-okkupazzjoni jew danni sad-data ta' l-effettiv żgumbrament.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta debitament notifikata naqset illi jippreżenta risposta u għalhekk hija kontumaċi skond il-ligi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara Ray Von Brockdorff għan-nom tas-soċjeta' attriċi kkonferma li s-sitwazzjoni baqgħet ma inbidlitx;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi mressqa mis-soċjeta' attriċi ma ġewx ribattuti kif ġia' ngħad u għalhekk jirriżultaw it-talbiet kollha tagħha;

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi. Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar - u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta biex iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------